

32003D0845

6.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 321/61

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Diċembru 2003

dwar miżuri ta' protezzjoni kontra l-blue tongue fl-importazzjoni ta' ċerti annimali, kif ukoll il-likwidu seminali, l-ova u l-embrijoni tagħhom mill-Albanija u l-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja u l-Montenegro

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 4526)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/845/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 fejn hemm imniżżla l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontroll veterinarju fuq dawk l-Annimali li ser jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u jemendaw Direttiva 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 18 tagħha,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/706/EC tas-27 Settembru 2001 li tirrigwarda l-miżuri ta' protezzjoni kontra l-blue tongue fl-importazzjoni ta' ċerti annimali kif ukoll il-prodotti tagħhom li ġejjin mill-Albanija, il-Bulgarija, l-Ex Repubblika tal-Maċedonja u r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja⁽²⁾, għet projbita l-importazzjoni, minn dawn il-pajjiżi terzi, ta' l-ispeċi kollha ta' annimali ħajjin li huma suxxettibli għall-marda tal-Blue tongue (l-annimali kollha li jixtarru), wara li kien hemm avviżi tattifiqigha tal-Blue tongue.
- (2) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni riċevuta, il-Bulgarija tista' issa titqies bħala Stat liberu mill-blue tongue. Iżda, m'hemmx tibdil fis-sitwazzjoni ta' l-Albanija, l-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u Serbja u Montenegro (l-ex Jugoslavja).
- (3) Sabiex ikun hemm kjaressa fil-liġijiet Komunitarji, Deċiżjoni Nru 2001/706/KE għandha għalhekk tiġi mħassra u din id-Deċiżjoni għandha tieħu postha.
- (4) Il-miżuri li ttieħdu f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw id-dħul ta' ċerti annimali ħajjin li huma suxxettibli għall-blue tongue mill-Albanija jew li jgħaddu mill-Albanija, l-Ex Repubblika tal-Maċedonja u s-Serbja u l-Montenegro.

2. L-Istati Membri ma jistgħux jawtorizzaw id-dħul ta' likwidu seminali, ova u embrijoni li huma suxxettibli għall-blue tongue mill-Albanija, l-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja u l-Montenegro.

Artikolu 2

1. B'deroga mill-Artikolu 1(1) l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw id-dħul ta' speċi t'annimali ħajjin suxxettibli għall-blue tongue li għaddew fi transitu mill-Albanija, l-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja u l-Montenegro, sakemm il-blue tongue ma jkunx ta' perikolu għall-Istati Membri konċernati.

2. L-Istati Membri għandhom iżommu l-Kummissjoni infurmata dwar dawk il-kriterji li jintużaw biex tingħata d-deroga msemmija fil-paragrafu 1

Artikolu 3

Deċiżjoni Nru 2001/706/EC hija mħassra.

Referenzi għad-deċiżjoni mħassra għandhom jinftehemu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'effett mid-9 ta' Diċembru 2003.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, pġ. 56. Id-direttiva għet emendata l-aħħar bid-Direttiva 96/43/EC (ĠU L 162, ta' l-1.7.1996, pġ. 1).

⁽²⁾ ĠU L 260, tat-28.9.1, pġ. 37.